**IL-PULIZIJA**

Organu tal-'Malta Police Association'
Ippubblikat minn
Associated News (M) Ltd.
Stampat mill-Penprint Ltd.
Editur — Michael Marshall

# Membri godda fil-Korp

NHAR il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 1979, 111 membru gdid tal-Pulizija hadu l-gurament ta' Lealta' quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija. Dan l-ingagg sar wara ezamijiet ghar-reklutagg fil-Pulizija dan l-ahhar.

F'din ic-cerimonja, l-Kummissarju indirizza lid-disa' kuntistabblijiet li hadu l-hatra ta' Surgenti wara li ghaddew minn ezamijiet.

*Diskors tal-Kummissarju tal-Pulizija lir-rekluti wara l-gurament*

ISSA li ghadkom kif hadtu il-gurament u hekk sirtu Pulizija fir-Repubblika ta' Malta, huwa xieraq li jinghad xi haga dwar it-tifsir ta' dan il-pass kbir li ghadkom kif hadtu kif ukoll id-dmirijiet ta' kull wiehed minnkom biex josserva il-punti kollha ta' dan il-gurament.

Illum inthom weghedtu li taqdu lil pajjizkom billi taghtu is-sehem taghkom kollu biex f'Malta issaltan il-paci, il-bon ordni kif ukoll tizguraw il-protezzjoni ta' kull cittadin Malti. Dan ma jistax isir, izda, jekk inthom infuskom ma tkunux leali lejn il-ligijiet ta' Malta u lejn id-doveri taghkom bhala Pulizija. L-ewwel ma jinhtieg huwa li tharsu lejn id-doveri ta' cittadin tajjeb, taddottaw dawn id-doveri biex hekk inthom tkunu wkoll cittadini tajbin u imbaghad tkunu tistghu tizguraw illi 'l-ligijiet kollha jigu osservati minn kulhadd.

Il-hajja ta' Pulizija hija vokazzjoni; fiha it-tbatijiet taghha, fiha l-aspetti koroh taghha, izda ghandha wkoll is-sodisfazzjon taghha wkoll. U dan is-sodisfazzjon insibuh l-ewwel fil-fatt li nafu li qed naghtu servizz lill-pajjizna biex dan jimxi il-quddiem fil-prosperita. Kultant wiehed jahbat jinsa id-dmirijiet lejn pajjizu, l-iktar meta ikun moghmi wara il-paga li tinghata lilu kull xahar u wara il-beneficcji li qed igawdi fl-impieg tieghu. U hawnhekk inghid illi dan ix-xoghol ma huwiex semplici impieg iehor; inthom stajtu sibtu xoghol iehor kemm ridtu, hawn hafna u hafna postijiet bhal fabbriki u lukandi fejn stajtu timpjegaw ruhkom, imma xorta wahda ghaziltu li tidhlu maghna f'dan il-Korp li hu tant kburi bl-eghmil tieghu u bil-prospetti sbieh li ghandu quddiem ghajnejh. U inzid inghid li inhossni ferm kburi li qed nara quddiemi numru daqshekk sabih ta' rekluti godda li ghazlu din it-triq li' ghalkemm mhux imzejna imma thaddan ulied leali lejn il-mexxej taghha u ta' kull min jahkimha.

U huwa f'dan il-hsieb illi jiena inhossni fid-dmir illi nurikhom it-tajjeb u il-hazin ta' dan ix-xoghol taghkom, ghaliex barra mis-sodisfazzjon hemm ukoll dak l-aspett ikrah ta' min jabbuza minn dan il-poter illi din l-uniformi ggib maghha. Veru li ghandna ghaliex inkunu kburin illi ninsabu f'qaghda li nghinu lil kulhadd fi kwalunkwe hin, imma ghandna wkoll ghax nistkerrhu l-idea li forsi xi hadd minnkom jasal xi darba biex juza din l-uniformi ghal skopijiet tieghu innifsu biex jghinuh jakkwista dak li jixtieq. Inthom ilkoll tafu kemm hi keha· il-korruzzjoni, kemm hdimna u behsiebna nahdmu biex tinqered din il-marda; tafu li f'Malta mhux kulhadd qaddis, jezistu il-kriminali u jezistu wkoll il-mishuta persuni li jittraffikaw fid-drogi u jghixu biss bid-delinkwenza. Inthom weghedtu li ma ghandkom xejn x'taqsmu ma dawn ilkwalita' ta' nies u qeghdin tweghdu wkoll li flimkien mieghi u ma shabkom l-ohra tiggieldu u tissieltu biex tinqered id-delinkwenza u tghinu lil zaghzagh ohra bhalkom li sfortunatament qeghdin jinqerdu ftit ftit bil-vizzju ikrah tad-drogi.

## EDITORJAL

### L-Attivitajiet ghal zmien il-Milied

Bhal snin ohra, l-Assocjazzjoni tal-Pulizija hadet hsieb torganizza xi attivitajiet ghall-membri tal-Korp tal-Pulizija u l-familji taghhom, kif ukoll ghat-tieni sena laqghet l-ex membri tal-Korp f'Get Together' fl-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Mhux il-hsieb taghna li f'dan l-editorjal nirrappurtaw dak li gara f'dawn it-tlett attivitajiet kbar, izda se nwigbu ghal-kritika li saret dwar l-ewwel zewg attivitajiet, jifigieri l-party tat-tfal u d-Dinner Dance.

Uhud mill-membri tal-Korp ippretendew li kellhom jithallew jidhlu tfal ta' eta' izghar min 4 snin ghal party tat-tfal tal-Pulizija. Min hu midhla ta' dawn l-affarijiet, jaf sewwa li l-eta tat-tfal li tista thallihom wehedhom waqt party, ghandu jkun mhux anqas min hames snin ghal hafna ragunijiet. Dawk il-genituri li dak in-nhar tal-party gabu tfal zghar hargu wisq dizappuntati meta kellhom imorru lura lejn djarhom ghaliex it-tfal bdew jibku u ma riedux joqghodu. Min naha taghna, ahna ghamilniha cara li ma konniex se nhallu genituri mat-tfal u dan ghal ragunijiet ovvji li ma jistax ikun li jkollok madwar 800 tifel u tifla u ma dawn izzid 800 ohra genituri. Kieku ppermettejna dan kien ikollna l-akbar konfuzjoni. Nittamaw, ghaldaqstant li dawk li lmentaw dwar l-etajiet tat-tfal illum jifhmu x'kienet ir-raguni.

Kien hemm ukoll xi whud li ma qablux ma l-ideja li norganizzaw id-Dinner Dance minflok il-ballu. Bi pjacir nghidu li dan id-Dinner Dance irnexxa hafna aktar milli stennejna u l-atmosfera waqt li kien hemm kienet wahda mill-isbah u dan qaluhulna nies barranin li huma midhla sewwa ta' dawn l-affarijiet. Minn naha taghna, ahna ma nehhejna xejn min dak li jiek isir qabel, anzi zidna u l-kummenti ta' wara dan id-Dinner Dance inkoragewna biex sena ohra nergghu naghmlu l-istess.

# Il ~ Mayfair European Holidays

**GHAMILNIHOM APPOSTA GHALIK**

MA' L-UNTOURS TONFOQ INQAS U JIBQAGHLEK
AKTAR FLUS FIL-BUT GHAL WAQT IL-VJAĠĠ



*Programmi u taghrif iehor minghand*

**UNTOURS LIMITED**

WORKERS' MEMORIAL BUILDING
OLD BAKERY STR., VALLETTA.
TEL. 25733-623640-624451

BRANCH OFFICE
66, TOWER RD., SLIEMA.
TEL. 36477 - 36478

Jiena inweghdkom illi ssibuni warajkom il-hin kollu f'din il-glieda. ssibuni maghkom sabiex naghmlu Malta ahjar, tarawni dejjem fuq il-post tax-xoghol meta dan ikun jirrikjiedi. Dan naghmlu bla serhan, basta naf li jkolli nies li nista niddependi fuqhom, basta naf li ghandi sisien sodi li fuqhom nista nibni Korp shih u efficjenti biex niggarantixxi lil min ihaddmna illi qeghdin naghtu l-iktar u l-ahjar ghall-gejjieni sabih ta' pajjizna. Irrid nghid ukoll lil dak illi jibza, lil dak illi ma jhossux li jista jghinni u lil shabi l-ufficjali l-ohra f'dan ix-xoghol taghna, illi ahjar jahsibha darbtejn qabel ma jkompli fis-servizz tieghu. Jien naf illi hadd minnkom ma hu delinkwenti jew marid b'xi vizzju iehor, izda inwissi lil kull wiehed minnkom illi ikun ahjar ghalih dak illi sfortunatament xi darba jaqa vittma ta' xi wiehed minn dawn il-vizzjijiet illi jaqbad u jirtira mill-ewwel mis-servizz ghaliex jekk jinqabad minni jew minn xi wiehed mill-ufficjali tieghi, zgur li ma jehlishiex hafif. Dan mhux qed nghidu biex inbezzaghkom, imma biex naghmlilkom kuragg biex tiffaccjaw il-futur taghkom b'sens ta' responsabbilita li l-iskop taghkom ser ikun biss il-gid ta' Malta u l-Maltin.

Naturalment, meta wiehed ihares lejn il-futur, wiehed irid ihares ukoll lejn il-karriera tieghu fil-Pulizija. Jien perswaz illi hafna minnkom, jekk mhux kollha, tixtiequ li tavvanzaw fir-rankijiet kollha tal-Pulizija. Jiena naf, ghax jiena wkoll darba kont kuntistabbli. Irsistejt, u irnexxieli navvanza u nilhaq il-posizzjoni li ninsab fiha illum. Certament li mhux qed inghid dan biex niftahar, izda biex nurikom it-triqat li jinsabu miftuha ghalikom.

Ezempju ta' dan huma l-ghaxar kuntistabblijiet li llum ser jilhqu Surgenti u li jinsabu hawnhekk fostkom. Kemm ilhom fil-pulizija dawn hadmu u rnexxilhom javanzaw grad wara li instabu efficjenti fix-xoghol taghhom. Kelma specjali tmur ghall-Pulizija mara li llum ukoll lahqet surgent. Minbarra il-kapacita taghha u l-edukazzjoni gholja li tippossedi, W.P.C. 4 Mary Baldacchino kienet minn ta' l-ewwel fl-ezami u wiehed ma ghandux jonqos illi jsemmi il-kontribut siewi li taghti



**Ir-reklüti waqt il-gurament.**

Miss Baldacchino kemm bhala lecturer lil shaba il-Pulizija kif ukoll bhala lecturer f'diversi skejjel. Lilha u lis-surgenti l-ohra godda, nawguralhom success fil-futur.

Qabel ma naghlaq, nixtieq inwassal messagg lil kulhadd biex jirrispetta l-ordnijiet tas-superjuri tieghu bla tlaqliq. Ahna ilkoll haddiema, imma haddiema specjali li nahdmu ghal skop wiehed lesti biex nahdmu ghal gid ta' pajjizna u nizguraw illi f'Malta ikun hawn il-prosperita billi inharsu il-gid u l-wirt ta' pajjizna.

# DOMINE DIRIGE NOS

**RIFLESSJONI GHAL KULL XAHAR**

MIN HU KRISTU GHALIJA?
Huwa dak li mar ghand Missieru
Halli jhejji fejn noqghod,
U li baghtli lil Ruh Il-Qodos
Imexxini ghall-Genna

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-M.H.A. ghax-xahar ta' Dicembru kienu ghall-familji tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:



Ex-Suprintendent J. Cachia



Ex-Surgent No. 508 Ignatius Bonello

TEL. 674233

# Roadhouse Buskett

EVERY NIGHT

INTERNATIONAL CABARET

FROM 9P.M.




★ Plus other ★ International ★ Speciality Acts



SPECIAL FOLKLORE GROUP



Resident Band AQUARIUS

# ID-DROGI F'MALTA.

MINN L.J. Spiteri, M.D., B.Sc., D.Bact. (Manch), Ph.C., D.T.M.H. (L'Pool), F.R.C. Path. (Lond).

ID-DROGI li fuqhom sejrin nitkellmu f'dawn l-artikoli jistghu jinqasmu f'hames kategoriji. Fl-istess hin ahna jkollna ideja aggornata tar-regolamenti li jezistu f'Malta dwar il-kontrol tal-medicini.

*Id-Drogi Perikoluzi*

F'din il-lista nsibu l-kokaina, il-haxixa, l-oppju, il-morfina, il-heroina, methadone, pethidine, etc.

Minbarra l-kokaina u l-haxixa, d-drogi l-ohra huma wzati biex imewtu l-ugiegh u jnisslu l-irqad fil-pazjent.

Meta jintuzaw bil-ghaqal mit-tobba kif indikati mix-xjenza medika, dawn il-medicini huma verament meraviljuzi, ghax inisslu kalma, jmewtu l-ugiegh u l-pazjent ikun jista jistrieh u jaffronta bil-kalma kollha kwalunkwe marda serja li jkun qed isofri.

Dawn id-drogi huma msejhin perikoluzi ghaliex jehtiegu kontroll ghaqli tat-tabib fl-uzu taghhom, u meta jigu abbuzati minghajr il-parir u l-kontroll tat-tabib, inisslu herba fis-sahha tal-pazjent kif ghad nistudjaw flimkien aktar il-quddiem.

*Il-Medicini Ristretti*

Fi Frar tal-1976 hareg l-Avviz Legali Nru. 31 li permezz tieghu l-medicinali li jissemmew fl-ewwel skeda ghandhom jitqiesu ristretti fis-sens li ebda persuna ma tista timporta, timmanifattura, tesporta, tixtri, tbiegh, tuza jew ikollha fil-pussess taghha xi wahda minn dawn il-medicini minghajr awtorizazzjoni specjali mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika.

Is-Suprintendent ma ghandux jaghti permess biex tintuza xi medicina ristretta hlief f'kazijiet specjali ghall ghanijiet xjentifici jew ghal ghanijiet medici limitati hafna fi stabbilimenti medici jew xjentifici taht il-kontroll tal-Gvern jew appruvati b'mod specjali mis-Suprintendent.

Illum dawn il-medicini ristretti ma jintuzawx mit-tobba u l-uzu taghhom huwa dejjem marbut ma abbuz. F'Malta l-aktar li qed tigi abbuzata hija l-haxixa jew qanneb Indjan maghrufa bl-isem xjentifiku ta' **Cannabis Sativa**. F'din il-lista nsibu wkoll id-droga perikoluza maghrufa bhala **L.S.D.** li sallum ghadha ma dahlitx f'Malta.

*Il-Medicini Specifikati*

Dawn huma msemmija fit-tieni skeda tar-regolamenti tal-1976. Il-medicinali msemmija f'din l-iskeda jinhtiegu ricetta tat-tabib.

Billi f'Malta kellna xi abbuzi mill-medicinali tal-amfetamina methaqualone u methyl-phenidate, fit-22 ta' Dicembru 1978 permezz tal-Avviz Legali Nru. 127, dawn il-preparati u ohrajn jixbhuhom, bdew jinhtiegu l-awtorizazzjoni mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika qabel ma tinghata ricetta. L-abbuzi kwazi waqfu ghal kollox permezz ta' dawn ir-regolamenti.

Medicinali ohra li mumhiex kontrollati bir-regolamenti l-fuq imsemmija jistghu jinxtraw minn spizeriji minghajr ricetta. Ghalkemm dawn il-medicinali ma jsirx abbuz bihom, izda ftit taghrif fuq l-uzu taghhom huwa essenzjali mhux biss bhala taghrif generali, izda ukoll f'relazzjoni ma' sahhitna kif ghad naraw il-quddiem.

L-alkohol jew spirtu u mbejjed ecc., li ghalhemm ma jinhtiegu ebda ricetta biex jinxtraw ghandhom jitqiesu bhala droga — ghaliex meta jittiehdu bl-addocc u minghajr kontroll inisslu hsara fil-fiziku u fil-mohh daqs id-drogi li semmejna aktar il fuq.

Ghalkemm it-tabakk fih sustanzi kimici li huma drogi wkoll, kulhadd jaqbel li l-uzu tat-tabakk jenhtieg jitqies u jigi studjat ghalih, ghaliex huwa fenomenu differenti mid-drogi u x-xorb. Ghalhekk bi hsiebi nitkellem l-ewwel fuq id-drogi u x-xorb u zgur mintebhu kemm nistghu nitghallmu u nghallmu kif nevitaw perikoli li jtellfulna l-hena u l-paci f'hajjitna, fil-familja u fis-socjeta Maltija. Kieku kulhadd jikkopera, f'Malta ghandna facilitajiet kbar biex inxejnu dan il-gwaj li qed jaghmel tant hsara fid-dinja kollha.

*L-Importanza ta' dan l-Istudju*

Jekk nistudjaw il-figuri ta' mewt, kawzati minn accidenti u suwicidju fid-dinja kollha, fil-fjur tazzoghzija, nintebhu malajr mill-importanza ta' dan l-istudju. Kemm accidenti u suwicidji kellhom il-bidu taghhom fl-abbuz tad-drogi u x-xorb?

Fis sena 1973 gew registrati dawn l-imwied bejn l-etajiet ta' 15 sa 19-il sena (A) u bejn l-etajiet ta' 20 sa 24 sena (B). Il-figuri juru l-persentagg ghal kull mija li mietu.

| | Accidenti | | Suwicidju | | Mard Iehor | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | A | B | A | B | A | B |
| Usa | 59.5 | 48.6 | 6.2 | 10.1 | 34.3 | 42.3 |
| Japan | 44.8 | 33.5 | 14.2 | 23.7 | 41.0 | 42.8 |
| Italja | 57.6 | 51.4 | 2.1 | 4.5 | 40.3 | 44.1 |
| Svezja | 55.5 | 37.6 | 13.9 | 25.6 | 30.6 | 36.8 |
| Awstralja | 70.1 | 61.4 | 6.1 | 12.9 | 23.8 | 25.7 |
| Malta | 28.6 | 31.2 | | | 71.4 | 68.8 |

F'Malta fis-sena 1973 mietu 14 bejn il-15 u 19 il-sena u 16 bejn l-20 u l-24 sena. Il-figuri ta' Malta ghall-accidenti jinkludu wkoll kazi ta' suwicidju.

Semmejna dawn l-etajiet ghaliex l-abbuz fid-drogi huwa komuni hafna fost iz-zghazagh u ghaliex irrid intambar fuq il-htiega li ninqdew b'kull mezz possibbli biex nghallmu bil-kelma u bl-ezempju, biex jinqered dan l-abbuz li qed inissel stragi kbar fid-dinja kollha.

Fuq studji serji li saru fid-dinja kollha gew stabbiliti dawn il-fatti:

1. Habsin gew studjati rigward xorb u drogi f'relazzjoni mad-delitt li kkommettew. Gie stabbilit li x-xorb u d-drogi kellhom importanza fit-twettiq tad-delitt.
2. Rigward is-suwicidju gie stabbilit li x-xorb u d-drogi ghandhom importanza kbira. Meta nistudjaw il-kawzi li jwasslu ghal dan l-abbuz, naraw li huma l-istess kawzi li jwasslu ghas-suwicidju anke meta ma jkunx hemm l-abbuz tax-xorb u tad-drogi.
3. Ma jezisti l-ebda dubju li mhux anqas minn 40 fil-mija ta' accidenti fatali stradali kemm rigward is-sewwieqa u kemm dawk li jigu maqtula, jkunu dovuti ghax-xorb u/jew drogi, Instab ukoll li r-rati ta' mwiet huma akbar ghaz-zghazagh sewwieqa minn 18 sa 29 sena.
4. Meta nafu li l-vjolenza qeghda dejjem tikber fid-dinja, zgur li kulhadd jaqbel li huwa essenzjali li x-xorb u d-drogi ghandhom jigu kkontrollati bl-akbar ghaqal sabiex ma jnaqqsux il-kontroll, u b'hekk ma jkomplux jghinnu biex tikber il-vjolenza.



TKOMPLI Pg.15

GAMBAROTTA

# Vermouth
## Special Xmas Offer




BUY NOW

LIMITED QUANTITY

**Save 80c**
**3 Bottles for £M4.**

TESSONS LTD. 73-75 Liesse Hill, Valletta. Telephone:624672

# KUNGRESS TAL-INTERNATIONAL POLICE ASSOCIATION F'PERUGIA, ITALJA

BEJN it-18 u l-15 ta' Lulju 1979 membri ta' Korpi tal-Pulizija minn pajjizi differenti attendew ghad-9 kungress tal-International Police Association li sar f'Perugia, l-Italja. Il-pajjizi li kienu rrapprezentati f'dan il-kungress kienu:

Antigua, Antille Olandesi, Argentina, Australia, Awstrija, Barbados, Belgium, Bermuda, Brazil, Canada, Danimarka, Filippini, Finlandja, Franza, Germania Federali, Gana, Gamaica, Japan, Gibilta, Gran Brittanja, Grecja, Guiana, Hong Kong, Irlanda, Islanda, Israel, Italja, Kenja, Lussemburgo, Malta, Maurisius, Nigerja, Norvegja, New Zealand, Olanda, Rodesja, San Marino, Santa Lucia, Seychelles, Spanja, Sri Lanka, Stati Uniti tal-Amerika, Surinam, Svezja, Svizzera, Turkija, Uganda u Zambja.

Ir-rapprezentanti Maltin kienu l-ex Supt. J. M. Borg (Adm. Cant.) u s-Surgent Romeo Micallef li huma ic-Chairman u s-Segretarju tas-Sezzjoni Maltija ta' din l-ghaqda.

Mal wasla f'Perugia qabel il-bidu tal-kungress, il-membri ttiehdu fil-Palazzo dei Priori fejn gew alloggjati matul il-jiem tal-kungress. Ghal dak in-nhar, huma kellhom il-kumplament ta' wara nofs in-nhar liberu.

L-ghada, d-9 ta' Lulju, d-delegati attendew ghal ftuh ufficjali tal-kungress fit-Tejatru Morlacchi u wara saret parata bid-delegati libsin l-uniformijiet ta' pajjizhom. Wara nofs in-nhar saret kompetizzjoni tal-pittura u t-tema kienet "The Policeman and the City". Fil-ghaxija sar kuncert millbanda fi Pjazza IV Novembre.

Matul il-granet tal-kungress saru diversi laqghat u diskussjonijiet dwar il-Pulizija. Fir-raba jum giet organizzata wkoll 'Slow Pipe Smoking Competition', Esebizzjoni sabiha wkoll kienet dik li saret tard bil-lejl tal-Crossbow Archers u Medieval Banner Wavers.

Is-Sibt kien l-ahhar jum tal-kungress u sar l-gheluq ufficjali u barra mid-diversi wirjiet li saru, tqassmu wkoll il-premjijiet lir-rebbieha tal-kompetizzjonijiet li saru matul il-kungress.



Il-Pulizija f'Perugia.

# BEAT HIGH FURNITURE PRICES!

BUILD-A-KIT FURNITURE IS SPECIALLY DESIGNED FOR EASY HOME ASSEMBLY. YOU DON'T HAVE TO BE AN EXPERT AS WE PROVIDE STEP BY STEP DIAGRAMS.

OTHER BUILD-A-KIT ITEMS ARE: DRESSING TABLES; CUPBOARDS; DESKS; HI-FI CABINETS AND WALL UNITS.

PRICES YOU NEVER THOUGHT POSSIBLE




*Come and see all our Build-a-kit ranges for every room in your home at*

amara **FURNITURE CENTRE - PIETA** *(Near ta' Braxia) — Tel: 22529*

*WE REALLY LIKE TO HELP OUR CUSTOMERS!*

# PROTECT AGAINST FIRE AND BURGLARY WITH A CHUBB SAFE

**The famous firm of Chubb have manufactured this safe especially for the smaller office or business. The Chubb Commerce Quality Safe resists burglars and fire too. It offers strong protection against attack by explosives and drill, and is competely surrounded by Chubb fire-resisting material, tested and approved by independent authorities. For a reasonable price the security of a Chubb Safe can be yours. Come and see the Chubb Commerce Quality Safe.**

**(Possibly a Chubb Wall Safe will serve your needs. Why not come and see that too?)**



## PHILIP TOLEDO LTD

NOTABILE ROAD
MRIEHEL – MALTA
TELEPHONE: 44747–45566
CABLES: MEDIA–MALTA

Please send me your Free details about Chubb Safes

Name ____________

Address ____________

# AHBARIJIET INTERNAZZJONALI

*JAPAN*

Il-mitjar il-gdid fil-Gappun, it-Tokyo International Airport, ma giex milqugh tajjeb u saru hafna demostrazzjonijiet ta' protesta kontra l-uzu ta' dan il-mitjar. Waqt wahda minn dawn id-demostrazzjonijiet, il-pulizija kkonfiskat arma gdida li kapaci toqtol bniedem jew thallih temporanjament bla sahha permezz ta' xokk eletriku ta' madwar 4,600 volt. Din l-arma mhi xejn hlief bicca hadida ta' madwar 76 centimetru tul u b'dijametru ta' 2.9 cm li jkollha wkoll wire mqabbad ma 'power pack' li jikkonsisti f'erba' batteriji ta' 1.5 volt l-wahda, swicc, condensor u high tension coil li jingarru f'borza tal-luna.



*INGILTERRA*

Taht il-motto "See and Be Seen" il-Pulizija ta' Essex nidiet kampanja bl-iskop li jonqsu l-incidenti fejn ikunu nvoluti vittmi weqfin, b'mod specjali dawk li tkun gratilhom xi hsara.

Bosta drabi jigri li meta dawn il-vetturi jkunu weqfin u tkun qed issirilhom xi tiswija fil-post fejn jieqfu kienu qed ikunu kagun ta' incidenti tat-traffiku.

Ghaldaqstant il-Pulizija qed tinsisti li f'kazijiet bhal dawn jintuzaw 'hazard lights' jew li titpogga tabella b'sinjal ta' twissija.

*EIRE*

Sa ftit taz-zmien ilu biex wiehed seta' jingagga fil-Korp tal-Pulizija ta' hawnhekk kellu ta bilfors ikun guvni ghaliex ma kienux jigu accettati membri mizzewgin. Dawn setghu madankollu jizzewgu l-ghada li jingaggaw fil-Korp. Izda minn ftit taz-zmien l-hawn, bl-iskop li jizdiedu 500 rekluta, qed ihallu wkoll pulizija mizzewgin jingaggaw fil-Korp.

*ITALJA*

Ghal darb'ohra mewga terroristika halliet tlett pulizija vittmi waqt li dawn kienu jeskorta lil Angelo Pavone li kien mizmum mill-pulizija in konnessjoni mal-qbid tal-industrijalist taljan, Lino Fava.

Il-kapurali Domenico Mazzara ta' 50 sena u Salvatore Bologna ta' 41 sena miet mill-ewwel meta gew sparati tiri ta' machine gun u snieter, filwaqt li Giovanni Bellissima ta' 24 sena miet waqt li kien jittiehed l-isptar.

*GENOVA*

Zewg pulizija ohra gew maqtula fil-21 ta' Novembru f'hanut tal-café waqt attakk iehor terroristiku li sar min erba' min nies armati. Il-Pulizija, waqt dan il-hin kienu jiehdu ftit café minn dan il-hanut.

Vittorio Battagliani ta' 44 sena u Mario Tosa ta' 26 sena gew mehuda l-isptar, izda mietu hekk kif waslu. L-erba min nies irnexxielhom jaharbu.

*RUMA*

Attakk iehor fuq pulizija sar fit-2 ta' Novembru meta pulizija li kien ftit boghod min daru gie maqtul b'tiri ta' arma tan-nar. F'telefonata anonima intqal li l-Brigata l-Hamra kienet responsabbli ghal dan il-qtil.

*AWSTRIJA*

Xi xhur ilu ssemma l-kaz fejn Andreas Mihavez ta' 18-il sena thalla arrestat f'cella f'ghassa tal-Pulizija ghal 18-il gurnata. Dan kien gie arrestat minhabba xi incident tat-traffiku.

Matul it-tmintax il-gurnata minsi fic-cella, Andreas Mihavez la inghata ikel u lanqas xorb u b'konsegwenza ta' dan huwa tilef 24 kg.

It-tlett pulizija responsabbli ghal dan gew issentenzjati 90 gurnata habs jew multa ta' 2000 dollaru.

*SAUDI ARABIA*

Zewg Pakistani li nstabu hatja ta' diversi serqiet gew imressqa quddiem il-Qorti ta' Shaira u wara li ammettew dan id-delitt huma inghataw is-sentenza tal-qtuh tal-idejn u l-id il-leminija taghom giet maqtuha fil-Belt Imqaddsa ta' Medina.

*FRANZA*

Nisa li okkupaw rankijiet gholjien fil-Pulizija qatt ma kellna hawn Malta, izda barra minn Malta hemm nisa bhal dawn u dan l-ahhar fi Franza, Mirelle Balestrazzi ta' 25 sena inhatret Detective Superintendent u giet inkarigata mit-tficcija tal-aktar bniedem imfittek fi Franza, Jacques Mesrine li kien spara ghal gurnalist li talbu jaghmillu intervista. Mesrine kien harab mil habs ta' Paris Sante f'Mejju 1978 u ftit taz-zmien ilu gie maqtul mill-pulizija Franciza.



**Mirelle Balestrazzi.**




**"Yes, Sir, we do deal with threatening letters — but not when they're from the income-tax men"**

# IL-MALTEMP TAL-25 T'OTTUBRU

SMAJNA u qrajna hafna dwar il-maltempata tal-25 ta' Ottubru li ghadda li halliet ukoll, minbarra l-hafna hsara, tlett vittmi u li kieku mhux ghax kienet il-hidma tal-Pulizija mghejjuna minn xi nies volontieri, n-numru ta' vittmi seta' jkun akbar.

Dak in-nhar tal-25 ta' Ottubru waslet l-ahbar fil-Kwartieri mis-Sezzjoni tal-Kavallerija Generali tal-Pulizija, ghal habta tal-4.45 p.m., li kien hemm nies fil-korsa tat-tigrijiet taz-zwiemel li kienu qed jixxabbtu mas-sigar u jitilghu fuq il-vetturi taghhom peress li l-korsa kienet tinsab mgharrqa bl-ilma tax-xita li kienet ghadha niezla. Kellha ghaldaqstant tintalab l-ghajnuna immedjata ghal dawn il-persuni li setghu jgherqu minn mument ghall-iehor.

Gew ukoll infurmati l-membri tal-Forzi Armati ta' Malta biex jintbaghtu helicopters ghall-ghajnuna.

Mal wasla tal-messagg fid-Depot, il-Kummissarju tal-Pulizija, flimkien ma' skwadra ta' Pulizija armati bi hbula u tghamir iehor, irhewla ghal fuq il-post. Sadanitant hareg ukoll messagg generali fejn il-Pulizija li kienu 'available' kellhom jintbaghtu wkoll fuq il-post.

Il-korsa tat-tigrija kienet tinsab fi tmien piedi ilma u Triq Aldo Moro kienet ukoll tinsab taht erba' piedi ilma. Il-Pulizija flimkien ma ghadd ta' voluntieri pajzana irnexxielhom isalvaw tlett persuni mill-gharqa filwaqt li intalbet ukoll l-ghajnuna minn dawk in-nies, inklusi tfal, li kienu fl-Isports Centre u fil-Marsa Canteen Club. Dawn in-nies kellhom jitilghu fuq il-bjut tal-bini minhabba l-gharghar li kien hemm.

Salvu Bezzina volontarjament ta lill-Pulizija zewg 'life rafts' tal-lastiku fejn f'kull wahda setghu jingarru disa' min nies.

Minbarra il-'life rafts' uhud mill-Pulizija kellhom ukoll jghumu f'dak l-ilma biex jigu salvati xi nies. Wiehed minnhom kien il-Kuntistabbli Nru. 1366 M. Decelis li inzerta ghaddej minn dawn l-inhawi waqt il-frank tieghu u rnexxielu jsalva tifel u tifla li gew mehudin mill-kurrent. Il-Kuntistabbli Decelis gham sabiex seta jaghtihom l-ghajnuna.

Barra mill-ghajnuna lin-nies, kellha wkoll tinghata ghajnuna lil bhejjem li kienu f'xi rziezet li jinsabu madwar il-korsa tat-tigrija. Is-Surgent Grixti u ghad ta' Pulizija tal-Mounted irnexxielhom isalvaw xi zwiemel u annimali ohra minn dawn l-irziezet. Dawn l-annimali ittiehdu fl-istalel tal-kavallerija tal-Pulizija u l-ghada gew irritornati lis-sidien taghhom. Il-Pulizija tal-kavallerija taw ukoll l-ghajnuna lil diversi nies biex isalvaw l-annimali taghhom, fosthom tlett persuni li kienu ser jgherqu flimkien maz-zwiemel taghhom.



**Is-Sur Cachia jidderiegi l-operazzjoni ta' salvatagg.**

Barra mill-'life rafts' uzati mill-Pulizija kien hemm ukoll xi 'dinghies' tal-Forzi Armati ta' Malta u s-Surgent Maggur Cilia flimkien mal-Kuntistabbli Decelis u tlett membri tal-F.A.M. irnexxielhom jaqdfu sac-centru tal-Isports, permess tal-life rafts u dinghies, fejn gew salvat ghaxar persuni, fosthom ufficcjal tal-Ministeru tal-Isports. Wara, l-pulizija u l-membri tal-F.A.M. qadfu sa fejn il-Marsa Club Canteen fejn tmintax l-persuna li kienu fuq il-vetturi taghhom minhabba l-gholi tal-ilma, gew salvati. Dawn in-nies ittiehdu go djarhom mill-Pulizija peress li ma setghux juzaw il-vetturi taghhom. Il-vetturi li kienu hdejn il-Marsa Club Canteen gew spezzjonati kollha u ma stab hadd gc fihom. Din l-operazzjoni ta' salvatagg damet sejra sas-siegha ta' fil-ghodu ghaliex ried jigi accertat li ma kien hemm l-ebda persuna li kellha bzonn l-ghajnuna.

Fi triq Aldo Moro hdejn il-Marsa Training School kien hemm tmien harozzi li ngarru mill-widien u ngabru kollha ghal post wiehed. Fost dawn il-karozzi kien hemm wahda tax-charge' d'Affair tal-Kuwait li kien qed



**Il-garage fejn tilfet hajjitha wahda mill-vittmi.**

jitlob l-ghajnuna. F'wahda minn dawn il-vetturi intlemah zghazugh li deher li kien jinsab f'diffikultajiet u l-pulizija kellha tinzel f'madwar 4 piedi ilma biex itiegh l-ghajnuna. Il-kuntistabbli 300 D. Xuereb intrabat b'habel mal-R.S.M. Borg u l-Kuntistabblijiet J. Camilleri, H. Barbara, G. Bugeja u A. Attard, li kienu lesti mat-tarf tal-habel biex jigbdu lil dan il-guvnot. F'dan il-hin il-kuntistabbli 630 C. Camilleri sab ruhu f'diffikulatjiet u ghal daqsxejn ma ngarrx mill-kurrent qabel ma irnexxielu jasal sa hdejn wahda minn dawn il-vetturi. Hawnhekk huwa intrabat b'habel u beda jsejjah l-ghajnuna. Wara li gie salvat dan il-guvnot, huwa ttiehed l-Isptar San Luqa bil-karozza tal-Kummissarju.

Sadanittant membri ohra tal-pulizija kienu f'Valley Road, B'Kara fejn kien hemm madwar ghoxrin karozza ippakkjati fuq xulxin fid-dahla tal-pont kif ukoll il-gewwa mill-pont ta' B'Kara. Hawnhekk waslet ukoll l-ahbar li f'Misrah Kola, f'Attard, mara kienet gherqet f'garaxx taht ir-residenza taghha. Il-Fire engines tal-Pulizija marru fuq il-post izda sabu hafna diffikultajiet sakemm waslu ghaliex l-art kienet cediet u f'postijiet ohra kien hemm hafna tharbit. Il-Pulizija tat-tifi tan-nar damet ghal bosta hin tippompja l-ilma minn dan il-garage fejn tilfet hajjitha din il-mara.

F'B'Kara il-pulizija tal-Iskwadra Mobbli mghejjuna minn dawk tal-Garage tal-Pulizija ghamlu min kollox biex inehhu l-vetturi minn taht il-pont ghaliex dawn kienu qed izommu l-ilma milli jibqa sejjer. F'mument minnhom, wara li tnehhew xi vetturi, l-art cediet taht il-piz tal-crane.



**Hidma mill-Pulizija fis-Salina.**

*Tragedja Evitata*

